MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 10/2019 LM

**George Pace (K.I. numru 362961M)**
*(l-appellant)*

***vs.***

**Elmo Insurance Limited (C 3500)**
*(l-appellata)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent, hawnhekk "l-appellant", **George Pace** minn deċiżjoni [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"] tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"] mogħtija fit-18 ta' Lulju, 2019, fejn l-imsemmi Tribunal iddeċieda billi filwaqt li

ċaħad it-talbiet tas-soċjetà intimata, hawnhekk "l-appellata", **Elmo Insurance Limited**, laqgħet it-talba tal-appellant limitatament għas-somma ta' mija u tnax-il Euro (€112.00) u ordna lis-soċjetà appellata sabiex tħallas din is-somma lill-appellant, b'dana li kull parti kellha tbati l-ispejjeż tagħha.

**Fatti**

2. Il-fatti ta' din il-kawza jirrigwardaw il-vettura tat-tip *Renault Megane Classic 1.9DTI* [minn issa 'l quddiem "il-vettura"], proprjetà tal-appellant u li kienet involuta f'inċident tat-traffiku fl-4 ta' Settembru, 2014. Din kienet assikurata taħt polza ta' assikurazzjoni *comprehensive* [minn issa 'l quddiem "il-polza"] mas-soċjetà appellata li rrifjutat li tħallas għall-partijiet ġodda sabiex issir it-tiswija tal-vettura.

**Mertu**

3. L-appellant istitwixxa proċeduri kontra s-soċjetà appellata quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' Avviż fejn talab ir-rimbors tal-ispejjeż tat-tiswija tal-vettura tiegħu fis-somma ta' tlett elef, mitejn, tlieta u erbgħin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€3,243.25) u tal-ekwivalenti ta' tmint ijiem użu ta' *replacement car* fis-somma ta' mija u tnax-il Euro (€112.00).

4. Is-soċjetà appellata ppreżentat ir-risposta tagħha fejn ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet: (i) in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal; (ii) it-talbiet

imressqa mill-appellant kienu infondati fil-fatt u fid-dritt. Dan salv eċċezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjeż kontra l-istess appellant.

**<u>Id-deċiżjoni preliminari u l-appell quddiem din il-Qorti</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni tiegħu tat-23 ta' Lulju, 2015, it-Tribunal laqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà appellata, filwaqt li ordna li kull parti kellha tħallas l-ispejjeż tagħha.

6. Wara li l-appellant intavola appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal, din il-Qorti kif diversament preseduta, permezz tas-sentenza tagħha tas-7 ta' Ottubru, 2016, ddeċidiet għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija, li tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal filwaqt li ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà appellata u bagħtet l-atti quddiem l-imsemmi Tribunal sabiex jikkunsidra u jiddeċiedi dwar il-mertu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

7. Fit-18 ta' Lulju, 2019, it-Tribunal laqa' t-talba tal-appellant limitatament fis-somma ta' €112.00 wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"<u>Kunsiderazzjonijiet</u>*
>
> *Ir-rikorrent kellu vettura assigurata mas-soċjetà intimata taħt polza komprensiva. Hu kien involut f'inċident tat-traffiku u fetaħ* claim *mal-istess soċjetà intimata.*

*Wara li saret it-tiswija u l-attur ħallas l-ispejjeż, beda d-diżgwid bejn il-partijiet. Ir-rikorrent ippretenda ħlas ta' tliet elef u mitejn u tlieta u erbgħin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€3,243.25) kif ukoll mija u tnax-il Euro (€112.00) spejjeż għal tmint ijiem kiri ta' vettura. Madankollu, is-soċjetà intimat riedet tħallsu biss elfejn u tliet mija u wieħed u tmenin Euro u disa' ċenteżmi (€2,381.09).*

*Qabel xejn, it-Tribunal jagħmel tiegħu dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha relattivament għal dan l-istess każ, fejn qalet hekk:*

*"Fir-realtà l-kwistjoni bejn il-kontendenti kienet dwar is-somma miżera ta' €974.16, u dan peress li l-konvenuta kienet disposta tħallas issomma ta' €2,381.09 filwaqt li l-attur jippretendi li jitħallas is-somma ta' €3,355.25. Il-konvenuta riedet tħallas is-somma għas-saldu, u l-attur irrifjuta li jaċċetta l-ħlas. F'tali ċirkostanzi l-attur kellu bilfors iħarrek lill-konvenuta għas-somma sħiħa, ġialadarba hu evidenti li l-partijiet ma ftehmux li s-somma ta' €2,381.09 titħallas bla preġudizzju għad-dritt tal-attur li jħarrek lill-konvenuta għall-bilanċ."*

*It-Tribunal qara, fost oħrajn, ix-xhieda ta' George Stagno Navarra, li huwa l-persuna fi ħdan is-soċjetà intimata li huwa inkarigat jirrappreżentaha quddiem qrati u tribunali. Fir-rigward tal-materja in diżamina, hu xehed li n-nuqqas ta' qbil fuq l-ammonti relattivi kien li s-*surveyor *awtorizza li jsiru rimpjazzamenti ta'* parts *iddanneġġjati b'*parts *oriġinali meta huma, bħala soċjetà intimata, ma jawtorizzawx l-użu ta'* parts *oriġinali meta vettura tkun eqdem minn ħames snin. Il-vettura in kwistjoni hija* Renault Megane *tas-sena 2000, jiġifieri li fiż-żmien tal-inċident kellha erbatax-il sena.*

*Dan ix-xhud enfasizza s-segwenti punti:*

- *Li fir-rigward tal-kiri ta' vettura, is-soċjetà intimata ħallset lir-rikorrent mitejn u tnejn u ħamsin Euro (€252) meta l-massimu li setgħet tħallsu kellu jkun ta' mitejn u ħamsin Euro (€250);*
- *Li skont paġna numru 40 tal-polza tal-assigurazzjoni, kien hemm imniżżel li s-soċjetà intimata "... will not pay for that part of cost of any repair or replacement which improves the vehicle beyond this condition before the loss or damage occurred";*
- *Li fil-fatt, is-soċjetà intimata m'għamlitx verifiki fuq il-vettura fl-istadju tas-*survey *sabiex tkun ċerta x'tip ta'* parts *kellha. Ix-xhud qal "*li dawn l-affarijiet ma nagħmluhomx għax Allaħares noqogħdu niċċekkjaw kull karozza".

*Ġie esebit id-dokument* ***GSN2*** *li huwa estratt minn ktejjeb tal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA), li jgħid:* "It is important to keep in mind that the purpose of motor insurance policy is one of indemnity, that is the insurer must put you back in the financial situation you enjoyed prior to the loss – no better, no worse."

*It-Tribunal josserva wkoll li dan l-istess dokument ikompli jgħid hekk:* "our loss most be evaluated and made good. Therefore it is important that the age of your vehicle and its condition are carefully assessed. As previously mentioned, the value of the vehicles is the market value."

*Dan l-istess dokument donnu jabbraċċja l-prassi li* parts *oriġinali* *__normalment__* *jintużaw meta vettura jkollha inqas minn ħames snin filwaqt li għal vetturi eqdem, jintużaw* imitation parts *jew* recycled second-hand parts. *Jingħad ukoll li fil-fehma tal-MFSA, jekk jintużaw* parts *ġodda u oriġinali għal vettura eqdem minn ħames snin, dan ikun jirriżulta f'titjib fil-kundizzjoni tal-vettura b'riżultat li l-assigurat ikun "*in a better position than that which existed before the loss."

*Dwar din il-materja, ir-rikorrent xehed li fil-polza, ma kien hemm ebda referenza għal dawn il-kundizzjonijiet dwar jekk il-*parts *kellhomx ikunu oriġinali jew le. Ix-xhud qal imbagħad li hu ffirma l-polza abbażi ta' dak li ngħatalu. M'għaddietx minn moħħu li seta' jissuġġerixxi tibdiliet bħala sempliċi konsumatur u li seta' jagħmel* customised contract *meta dan ikun* standard-form contract. *Kruċjalment, hu allega li meta ffirma l-polza, hu ma kellux it-*terms and conditions *kollha u kien biss wara l-inċident li beda jagħmel eżami sewwa tas-sitwazzjoni.*

*Ir-rikorrent spjega li l-ilmenti tiegħu kienu essenzjalment tnejn:*

- *Il-kwistjoni ta' jekk il-*parts *kellhomx ikunu oriġinali jew* second-hand*; u*
- *Li r-*replacement vehicle *li ngħata kienet ferm inferjuri għall-vettura tiegħu.*

*Hu qal li fil-polza tal-assigurazzjoni ma kienx hemm informazzjoni dwar dan kollu.*

*It-Tribunal jirreferi għad-dokument* ***KG1*** *li huwa kopja tal-polza tal-assigurazzjoni relattiva. Huwa innutat li dan id-dokument huwa wieħed ta' madwar erbgħin paġna. L-assigurazzjoni hija obbligazzjoni imposta mil-liġi. Nonostante l-prinċipju kardinali* pacta sunt servanda*, mhux mistenni li konsumatur ordinarju jkollu għarfien perfett tal-klawsoli kollha ta' kuntratt twil u dettaljat, speċjalment meta dan il-kuntratt ġie mħejji minn soċjetà assiguratriċi b'esperjenza twila fil-qasam u li għandha għarfien profond u estensiv. It-Tribunal, għalhekk, jirreferi għall-Art. 44(2)(m) tal-Kap. 378 li jgħid li huwa forma ta'* unfair contract term *meta*

*kummerċjant jipprova jorbot lill-konsumatur b'xi patt li l-konsumatur ma kellu ebda opportunità reali li jifhem sewwa qabel jidħol fil-kuntratt.*

*Abbażi ta' dan, it-Tribunal huwa ferm propens li jifhem il-pożizzjoni tar-rikorrent li* *anki* *jekk* dato ma non concesso *li kien hemm informazzjoni fil-polza relattiva, il-konsumatur, li mingħajr assigurazzjoni ma setax juża l-vettura tiegħu, ma kellu ebda opportunità ġenwina u reali li jittratta mas-soċjetà intimata* on equal terms.

*It-Tribunal ra s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet "*Joseph Azzopardi vs Carmelo sive Charles Zammit Farrugia*", deċiża fis-7 ta' Novembru 2002. Jidher ċar li r-rikorrent ried jenfasizza li hu kien intitolat għal* parts *oriġinali. Madankollu, fis-sentenza relattiva, l-argumentazzjoni tal-qorti kienet li l-attur (f'dik il-kawża) kien intitolat għal* parts *oriġinali billi ma kien hemm* "l-ebda dubju li hija karozza miżmuma fi stat impekkabbli". *Għall-kuntrarju, f'din il-kawża r-rikorrent ma ressaq ebda prova dwar l-istat ordinarju tal-vettura tiegħu ħlief għall-punt fix-xhieda tiegħu fejn qal li jieħu l-vettura għas-*service *regolarment għand Auto Sales Limited (minn fejn kien xtraha ġdida 14-il sena qabel).*

*It-Tribunal kien jistenna li meta r-rikorrent jiftaħ azzjoni bħal din, fejn is-somma li tifred lill-partijiet hija ta' inqas minn elf Euro, sabiex jikkonvinċi lit-Tribunal u forsi lis-soċjetà intimata li l-vettura tiegħu kienet timmerita* parts *ġodda, kien ser jippreżenta xi evidenza inkontrovertibbli li l-vettura tiegħu kienet miżmuma fi stat impekkabbli li kważi ma tintgħarafx li m'hix vettura ġdida. Għall-kuntrarju, ir-rikorrent insista biss li t-*terms and conditions *relattivi ma kinux faċilment disponibbli u li hu ma setax jarahom u jifhem sewwa. Fil-fehma tat-Tribunal, f'azzjoni bħal din, ir-rikorrent irid iġib* *prova* *anki li l-vettura tiegħu, li għandha erbatax-il sena, ċioé ferm iktar minn ħames snin, hija miżmuma fi stat tajjeb biżżejjed fejn l-użu ta'* parts oriġinali *ma jkunux jikkostitwixxu titjib fil-pożizzjoni tiegħu, iżda tqegħid fil-pożizzjoni ta' qabel l-inċident.*

*It-Tribunal josserva li ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li għall-ewwel tmint ijiem wara l-inċident, ir-rikorrent ma ngħatax* replacement vehicle *u għalhekk kellu jikri vettura hu bi spiża totali ta' mija u tnax-il Euro (€112.00). Madankollu, anki fl-ilment tiegħu li meta eventwalment ingħata vettura, din ma kinitx waħda li tipparaguna favorevolment mal-vettura tiegħu, ir-rikorrent ma ressaqx provi konvinċenti u dettaljati."*

**L-Appell**

8. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-7 ta' Awwissu, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex *"…jogħġobha tirriforma s-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur tat-tmintax (18) ta' Lulju elfejn u dsatax (2019) fl-ismijiet premessi billi:*

i. *Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza permezz ta' liema s-Soċjetà Intimata, hawn Appellata, ġiet ikkundannata tħallas lill-Attur Appellant is-somma ta' mija u tnax-il Euro (€112) rappreżentanti rimbors ta' spejjeż inkorsi għall-kiri ta' vettura ta' rimpjazzament għal tmint ijiem, liema rimbors ġie negat mis-Soċjetà Intimata;*

ii. *Tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet it-talba tal-Attur Appellant għall-ħlas tas-somma ta' tlett elef, mitejn u tlieta u erbgħin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€3,243.25) rappreżentanti rimbors ta' kont ta' tiswijiet eżegwiti fuq il-vettura tiegħu li hija assigurata mis-Soċjetà Appellata u minflok tikkundanna lis-Soċjetà Appellata tħallas is-somma dovuta, u ċioe s-somma ta' tlett elef, mitejn u tlieta u erbgħin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€3,243.25), jew dik is-somma li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq biex l-Attur Appellant ikun rimbursat ġustament għat-tiswijiet li saru minnu fil-vettura konċernata, liema tiswijiet saru b'parts ġodda mhux biss minħabba l-kundizzjoni tajba ħafna li kienet fiha l-vettura qabel ma seħħ l-inċident, iżda anke minħabba l-fatt li fil-kuntratt bejn il-partijiet ma kien hemm xejn xi jżomm lill-Attur Appellant milli jagħmel dan, u liema somma, anke jekk limitata, kienet negata mis-Soċjetà Appellata meta mhux biss m'aċċettatx li tirrimborsa l-ammont sħiħ kif l-Attur Appellant kien ħaqqu, iżda kull offerta għal xi somma inqas minn dik mitluba saret bi preġudizzju għad-dritt tal-Attur Appellant li jfittex rimedji ulterjuri biex jikseb il-bilanċ.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inkluż il-proċeduri kollha quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (CCT/16/15/S), quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) dwar l-eċċezzjoni preliminari dwar il-kompetenza (Appell Numru 16/15), kif ukoll il-proċeduri f'din l-istanza quddiem il-Qorti tal-Appell dwar il-meritu tal-każ."*

9. L-appellant jgħid li jħoss ruħu aggravat bid-deċizjoni tat-Tribunal għaliex: (i) it-Tribunal injora l-fatt li t-talba tiegħu għamilha fid-dawl tal-mod li s-soċjetà

appellata ttentat tinforza kondizzjoni li ma kinitx tirriżulta fir-relazzjoni kuntrattwali ta' bejniethom; (ii) mingħajr preġudizzju, it-Tribunal tefa' l-oneru tal-prova fuq l-appellant; (iii) hemm inkonsistenza bejn ir-raġunijiet li fuqhom jidher li t-Tribunal kien ser jsejjes id-deċiżjoni tiegħu u d-deċiżjoni fid-deċide tas-sentenza; (iv) it-Tribunal ikkwota dik il-parti tax-xhieda ta' George Stagno Navarra li huwa kien qiegħed jikkontesta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-appell tal-appellant fid-dawl ta' dak li kkunsidra u ddeċieda t-Tribunal.

*L-ewwel aggravju:* *it-Tribunal sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq kundizzjoni ineżistenti*

11. L-appellant jispjega l-ewwel aggravju tiegħu billi jilmenta li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra li huwa kien ressaq it-talba tiegħu quddiemu għaliex is-soċjetà appellata ttentat timxi ma' kondizzjoni li ma kinitx tirrizulta fir-relazzjoni kuntrattwali ta' bejn il-partijiet. Din il-kondizzjoni kienet proprju li l-partijiet danneġġjati tal-vettura ma kellhomx jinbidlu permezz ta' partijiet ġodda peress li tali vettura kienet qadima aktar minn ħames snin. Huwa kien sar jaf bil-kondizzjoni permezz tal-email tal-11 ta' Settembru, 2014, u sussegwentement ir-rappreżentant tas-soċjetà appellata George Stagno Navarra, xehed quddiem it-Tribunal li s-soċjetà appellata ma kinitx tirrimborsa l-ispejjeż għall-użu ta' partijiet oriġinali meta l-vettura tkun qadima aktar minn

ħames snin. L-appellant jinsisti li din il-kondizzjoni ma tirriżultax fil-polza ta' assikurazzjoni tiegħu, li hija proprju l-kuntratt bejn il-partijiet kif konfermat fis-sentenza **Joseph Cutajar *vs.* Middlesea Insurance plc**.[1] Iżda t-Tribunal injora dan il-fatt u minflok għamel riferiment għall-ktejjeb *(handbook)* maħruġ mill-Awtorita Maltija għas-Servizzi Finanzjarji. L-appellant jinsisti li l-ommissjoni tal-kondizzjoni mill-polza kienet 'ommissjoni qarrieqa' skont id-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali 2005/29/EC kif trasposta fl-artikolu 51D tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta. Min-naħa tiegħu t-Tribunal ikkunsidra jekk il-vettura "ħaqqiex" partijiet ġodda. Iżda l-appellant ma jaqbilx mal-argument addottat mit-Tribunal li karozza antika kienet neċessarjament jistħoqqilha partijiet użati jew imitazzjoni tal-partijiet ġodda u jgħaddi sabiex jiċċita parti mis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Azzopardi *vs.* Carmelo sive Charles Zammit Farrugia**.[2] L-appellant jissottometti li t-Tribunal silet parti mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-istess ismijiet sabiex b'hekk wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li kkunsidra li jaddotta test oġġettiv dwar il-kondizzjoni tal-vettura fil-ħin tal-inċident. Dan minflok ma kkunsidra jekk is-soċjetà appellata setgħetx tirrifjuta li tagħmel ir-rimbors rikjest mill-appellant bl-iskuża ta' kondizzjoni li ma kinitx tagħmel parti mill-kuntratt ta' bejn il-partijiet.

12. Huwa minnu li t-Tribunal sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq il-konsiderazzjoni jekk il-vettura kienx ħaqqha partijiet ġodda jew le. Fid-deċiżjoni tiegħu wara r-riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti fuq ċitata, it-Tribunal jikkunsidra li

---

[1] P.A. Ċiv., 03.10.13.
[2] Q.Mag.(Malta), 22.01.11.

wieħed kien jistenna li f'azzjoni bħal din l-appellant *"...kien ser jippreżenta xi evidenza inkontrovertibbli li l-vettura tieghu kienet miżmuma fi stat inpekkabbli li kważi ma tintgħarafx li m'hix vettura ġdida."* Dan sabiex juri li l-partijiet oriġinali ma kinux ser iservu bħala titjib fil-pożizzjoni tiegħu, iżda sabiex jitqiegħed fil-pożizzjoni oriġinali tiegħu.

13. L-appellant qed jinsisti li l-kondizzjoni li mxiet magħha s-soċjetà appellata ma kinetx tirriżulta fil-polza ta' assikurazzjoni, iżda t-Tribunal għażel li jinjora dan l-fatt u saħansitra ddeċieda l-vertenza skont il-ktejjeb ta' informazzjoni (*handbook*) maħruġ mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant għas-segwenti raġunijiet. Il-polza stess tindika li s-soċjetà appellata ntrabtet sabiex tindennizza lill-appellant skont il-valur tas-suq tal-vettura. Dan jingħad fir-rigward tal-indennizzar tal-valur sħiħ tal-vettura kif jirriżulta f'paġna 28 tal-polza[3], u wkoll fir-rigward tal-partijiet ta' dik il-vettura meta f'paġna 29 tal-istess polza hemm dikjarazzjoni min-naħa tas-soċjetà appellata li:

> *"We will not pay for that part of the cost of any repair or replacement which improves the motor vehicle beyond its condition before the loss or damage occurred."*

14. B'hekk huwa kontradett l-argument ewlieni tal-appellant quddiem din il-Qorti fejn qed jinsisti fir-rikors tal-appell li:

> *"...l-argument ewlieni tal-Attur Appellant qatt ma kien, jew tal-inqas kien sekondarju, dwar jekk l-istat tal-vettura fil-mument immedjat qabel l-inċident kienx*

[3] Dok. KG1.

> *jimmerita tiswijiet b'*parts *oriġinali jew mod ieħor, iżda dwar il-mod kif il-prinċipju ta'* pacta sunt servanda *jfisser li s-Soċjetà Appellata ma tista' qatt tenforza kundizzjoni li qatt ma eżistiet."*

15. Għal dak li jirrigwarda l-argument hekk imsejjaħ sekondarju mill-appellant, din il-Qorti tikkunsidra li l-kondizzjoni ulterjuri applikata mis-soċjetà appellata hija obbligu li qiegħda timponi fuqha nnifisha unilateralment. B'hekk is-soċjetà appellata tagħti minn jeddha lill-persuna li f'isimha tkun inħarġet il-polza d-dritt għal tiswija tal-vettura tagħha permezz ta' partijiet ġodda sakemm tali vettura tasal biex ikollha ħames snin. Dan minkejja li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn l-użu ta' partijiet oriġinali minflok dawk użati jew mhux oriġinali jkun qed ipoġġi lis-sid f'pożizzjoni aħjar milli kien.

16. Issa peress li fil-każ odjern jirriżulta li l-vettura inkwistjoni hija ferm eqdem minn ħames snin, ma jistax jitqies li l-appellant jista' jippretendi li jsewwi permezz ta' partijiet ġodda. L-uniku mod li huwa jista' jkollu suċċess fl-argument tiegħu huwa li, kif jgħid it-Tribunal, iressaq prova li l-kondizzjoni tal-vettura tiegħu hija tali li timmerita *spare parts* aħjar minn dawk li s-soċjetà appellata lesta li tħallas għalihom, u b'hekk il-pożizzjoni tiegħu mhix ser titjieb. Iżda dan m'għamlux u għalhekk id-deċiżjoni tat-Tribunal kienet waħda tajba u ġusta.

17. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant peress li ma ssibx li huwa ġustifikat.

*It-tieni aggravju: it-Tribunal tefa' l-oneru tal-prova fuq l-appellant*

18. Hawnhekk naslu għat-tieni aggravju tal-appellant fejn jispjega li t-Tribunal poġġa fuqu l-oneru tal-prova tal-kondizzjoni tal-vettura tiegħu. L-appellant jinsisti li l-provi kienu juru li l-vettura kienet f'qagħda tajba, fatti mhux kontestati mill-parti l-oħra. Huwa jagħmel riferiment għal dak li stqarr huwa stess quddiem it-Tribunal, ikkonfermat ukoll bil-ġurament[4], li l-vettura kienet f'kondizzjoni 'eċċezzjonali' u dan għaliex il-vettura kienet tingħata manutenzjoni regolari għand Autosales u l-partijiet tal-vettura dejjem inbidlu ma' partijiet oriġinali.[5] Jirrileva li s-soċjetà appellata ma kkontestatx dan kollu u anki is-*survey report* kien indika li l-vettura kienet fi stat "tajjeb".[6] Meta mbagħad is-soċjetà appellata insistiet li l-vettura ma kienx ħaqqha partijiet ġodda ġaladarba kienet eqdem minn ħames snin, l-appellant isostni li l-oneru tal-prova ma kienx baqa' fuqu. Huwa jagħmel riferiment għal dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn it-Tribunal ikkunsidra dak li kien qal fix-xhieda tiegħu George Stagno Navarra, ir-rappreżentant tas-soċjetà appellata, u jissottometti li kien jispetta lis-soċjetà appellata li ssaħħaħ l-argument tagħha li tiswija permezz ta' partijiet ġodda kienet ser ittejjeb il-kondizzjoni tal-vettura. L-appellant jagħmel ukoll riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet **Joseph Azzopardi *vs.* Carmelo sive Charles Zammit Farrugia**[7] fejn f'ċirkostanzi li jirriżultaw simili għal dawk odjerni, dik il-Qorti xeħtet l-oneru tal-prova fuq il-konvenut.

---

[4] *A fol.* 22 tal-proċess tal-proċeduri quddiem it-Tribunal.
[5] Dok. 1 anness mal-Avviż.
[6] A *fol.* 37b tal-proċess tal-proċeduri quddiem it-Tribunal.
[7] *Supra.*

19. Fil-fehma tal-Qorti, l-appellant naqas milli jressaq prova tajba biżżejjed li tista' tikkonvinċi lil din il-Qorti li l-vettura tiegħu kien jistħoqqilha li tissewwa permezz ta' partijiet oriġinali ġodda. Id-dikjarazzjoni tiegħu fl-Avviż, kif ikkonfermata bil-ġurament quddiem it-Tribunal[8], waħedha mhijiex prova biżżejjed tal-kondizzjoni allegatament tajba ferm tal-vettura u din il-Qorti tippretendi, kif fil-fatt qal ukoll it-Tribunal, prova aktar ċerta u inekwivoka. Kuntrarjament għal dak li qed jippretendi l-appellant, jispetta lilu u mhux lis-soċjetà appellata li jressaq din il-prova ġaladarba l-appellant qiegħed isostni li l-vettura tinstab f'stat eċċezzjonali.

20. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx dan it-tieni aggravju tal-appellant ġustifikat u qiegħda tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *hemm inkonsistenza bejn ir-raġunijiet li jidher li t-Tribunal kien ser jsejjes id-deċiżjoni tiegħu u d-deċiżjoni fid-decide tas-sentenza*

21. L-appellant jispjega t-tielet aggravju billi jgħid li minkejja t-Tribunal osserva li l-istess appellant ma setax jaċċetta l-ħlas ta' €2,381.09 kif offriet is-soċjetà appellata għaliex b'hekk kien ikun qed jirrinunzja għad-dritt tiegħu li jħarrikha għall-bilanċ, fid-*decide* m'akkorda l-ebda ħlas. B'hekk huwa ma kien ingħata l-ebda rimedju u pjuttost ġie mċaħħad kompletament minn rimedju.

---

[8] *Supra.*

22. Kif digà osservat din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Ottubru, 2016, u saħansitra ċitata mill-appellant stess, l-appellant ħarrek lis-soċjetà appellata għall-ħlas tas-somma ta' €3,555.25, jiġifieri €3,243.25 rappreżentanti spejjeż għat-tiswija tal-vettura u €112 spejjez ta' kiri ta' vettura. It-Tribunal sab li t-talba għall-ħlas ta' dan l-ammont tal-aħħar biss kien ġustifikat u b'hekk laqa' t-talba tal-appellant limitatament għall-ħlas ta' dan l-ammont. Din il-Qorti tirrileva li hawnhekk l-appellant għandu raġun. Jirriżulta mill-atti li s-soċjetà appellata kienet disposta li tħallas is-somma ta' €2,381.00[9], jiġifieri somma ridotta minn dik li qed jitlob l-appellant minħabba li din is-somma tkopri l-prezz ta' partijiet għat-tiswija tal-vettura li mhumiex oriġinali, u ġaladarba t-Tribunal m'aċċettax li l-appellant kellu l-jedd jinsisti fuq tiswija permezz ta' partijiet ġodda, huwa kellu jakkorda dan il-ħlas inferjuri lill-appellant.

23. Għaldaqstant din il-Qorti ssib it-tielet aggravju tal-appellant ġustifikat u tilqgħu.

*Ir-raba' aggravju:* *it-Tribunal għamel riferiment għal dikjarazzjoni ta' rappreżentant tas-soċjetà appellata meta l-fatti kienu mod ieħor*

24. L-appellant jispjega l-aħħar aggravju tiegħu billi jirrileva li t-Tribunal silet parti mix-xhieda ta' George Stagno Navarra, rappreżentant tas-soċjetà appellata, fir-rigward tal-rimbors tal-kiri tal-vettura meta l-irċevuti kienu juru

---

[9] Ara xhieda George Stagno Navarra a *fol.* 37a.

mod ieħor. Filwaqt li x-xhud qal li s-soċjetà appellata ħallset lill-appellant is-somma ta' €252 meta l-akbar somma li setgħet titħallas kienet ta' €250, l-irċevuti juru li r-rimbors kien ta' €28 biss u kien għad fadal bilanċ ta' €112. B'danakollu t-talba tiegħu għall-ħlas ta' €112 ġiet akkordata mit-Tribunal. Hawnhekk ukoll kellu dritt li jressaq ilment ieħor jgħid l-appellant, dak li l-vettura ta' rimpjazzament mogħtija lilu mis-soċjetà appellata ma kinitx ta' tip simili għal dik tiegħu.

25. Il-Qorti tirrileva li fid-dawl tan-nuqqas ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet it-Tribunal akkorda lill-appellant dak li kien qed jitlob, jiġifieri rimbors ta' tmint (8) ijiem kiri ta' vettura ta' rimpjazzament. Għaldaqstant ma tikkunsidrax li għandha tidħol fl-ilmenti tal-appellant imressqa permezz ta' dan l-aħħar aggravju u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell billi tilqgħu limitatament u tiddikjara li s-soċjetà appellata għandha tħallas lill-appellant is-somma ta' elfejn, tliet mija, wieħed u tmenin Euro (€2,381.00) u tikkundanna lis-soċjetà appellata tħallas lill-appellant din is-somma, filwaqt li tikkonferma l-bqija tad-deċiżjoni appellata.**

**L-ispejjeż tal-proċedura quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi u dawk ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**